# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

22 ta' Ġunju 2010 *

Fil-Kawżi magħquda C-188/10 u C-189/10,

li għandha bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Cour de cassation (Franza), permezz ta' deċiżjonijiet tas-16 ta' April 2010, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-istess ġurnata, fil-proċeduri kontra

**Aziz Melki** (C-188/10),

**Sélim Abdeli** (C-189/10),

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn V. Skouris, President, J.N. Cunha Rodrigues, K. Lenaerts, J.-C. Bonichot, R. Silva de Lapuerta u C. Toader, Presidenti ta' Awla, K. Schiemann, E. Juhász, T. von Danwitz (Relatur), J.-J. Kasel u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: M.-A. Gaudissart, kap ta' diviżjoni,

wara li rat id-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2010 li jiddeċiedi li jissottometti t-talbiet preliminari għal proċedura mħaffa skont l-Artikolu 23a tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 104a tar-Regoli tal-Proċedura,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Ġunju 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Melki u Abdeli, minn R. Boucq, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn E. Belliard, G. de Bergues u B. Beaupère-Manokha, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn C. Pochet u M. Jacobs kif ukoll minn T. Materne, bħala aġenti, assistiti minn F. Tulkens, avukat,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn J. Möller, B. Klein u N. Graf Vitzthum, bħala aġenti,

— għall-Gvern Elleniku, minn T. Papadopoulou u L. Kotroni, bħala aġenti,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels u M. de Ree, bħala aġenti,

— għall-Gvern Pollakk, minn J. Faldyga kif ukoll minn M. Jarosz u M. Szpunar, bħala aġenti,

— għall-Gvern Slovakk, minn B. Ricziová, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J.-P. Keppenne u M. Wilderspin, bħala aġenti,

wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 67 TFUE u 267 TFUE.

2 Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ proċeduri mibdija kontra A. Melki u S. Abdeli rispettivament, it-tnejn li huma ta' nazzjonalità Alġerina, u huma intiżi sabiex tinkiseb l-estensjoni tad-detenzjoni tagħhom f'postijiet li ma jaqgħux taħt l-amministrazzjoni penitenzjarja.

## Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Skont il-preambolu tal-Protokoll (Nru 19) dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-kuntest tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat ta' Lisbona (ĠU 2010, C 83, p. 290, iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 19"):

"Il-partijiet kontraenti għolja,

waqt li jinnutaw li l-ftehim dwar l-abolizzjoni gradwali ta' kontrolli fuq il-fruntieri komuni iffirmati minn uħud mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea f'Schengen fl-14 ta' Ġunju 1985 u fid-19 ta' Ġunju 1990, kif ukoll il-ftehim relatati u r-regoli adottati fuq il-bażi ta' dawn il-ftehim, ġew integrati fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea bit-Trattat ta' Amsterdam tat-2 ta' Ottubru 1997;

waqt li jixtiequ jippreservaw l-acquis ta' Schengen, kif ġie żviluppat mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, u jiżviluppaw dan l-acquis sabiex jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-objettiv li ċ-ċittadini jkollhom spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni;

[...]

qablu dwar id-dispożizzjonijet li ġejjin, li huma annessi mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea".

4 L-Artikolu 2 ta' dan il-Protokoll jipprovdi:

"L-acquis ta' Schengen għandu japplika għall-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 1, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tas-16 ta' April 2003 u ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l- Adeżjoni tal-25 ta' April 2005. Il-Kunsill għandu jissostitwixxi l-Kumitat Eżekuttiv stabbilit mill-ftehim ta' Schengen."

5 B'mod partikolari, tagħmel parti mill-imsemmi acquis il-Konvenzjoni li timplementa l-ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Unjoni Ekonomika Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża, dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 2, p. 9), iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990 (iktar 'il quddiem il-"KIFS"), li l-Artikolu 2 tagħha huwa dwar il-qsim tal-fruntieri interni.

6 Skont l-Artikolu 2(1) sa (3) tal-KIFS:

"1. Il-fruntieri interni jistgħu jinqasmu minn kullimkien mingħajr ma jsiru kontrolli fuq persuni.

2. Madankollu, Parti Kontraenti tista', wara li tikkonsulta mal-Partijiet Kontraenti l-oħra, tiddeċiedi li jsiru kontrolli xierqa fil-fruntieri nazzjonali interni għal perjodu limitat, jekk dan ikun meħtieġ minħabba raġunijiet ta' politika pubblika jew ta' sigurtà nazzjonali. Jekk il-politika pubblika jew is-sigurtà nazzjonali tirrikjedi azzjoni mmedjata, il-Parti Kontraenti kkonċernata għandha tieħu l-miżuri meħtieġa u għandha tinforma lill-Partijiet Kontraenti l-oħrajn dwar dan kemm jista' jkun malajr.

3. It-tneħħija ta' kontrolli fuq persuni fil-fruntieri interni m'għandux jaffettwa d-dispożizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 22, jew l-eżerċizzju tal-poteri tal-pulizija fit-territorju ta' Parti Kontraenti mill-awtoritajiet kompetenti taħt il-liġi ta' dik il-Parti, jew il-ħtieġa li wieħed iżomm, iġorr u juri permessi u dokumenti stipulati taħt il-liġi ta' dik il-Parti."

7 L-Artikolu 2 tal-KIFS tħassar mit-13 ta' Ottubru 2006, skont l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-fruntieri ta' Schengen, ĠU L 105, p. 1)

8 Skont l-Artikolu 2(9) sa (11), ta' dan ir-regolament:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(9) 'kontroll fuq il-fruntiera' tfisser l-attività mwettqa fuq fruntiera, skond u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, bħala risposta esklussivament għal xi intenzjoni ta' qsim jew l-att ta' qsim ta' dik il-fruntiera, irrispettivament minn kull konsiderazzjoni oħra, li tikkonsisti f'verifiki fuq il-fruntiera u sorveljanza fuq il-fruntiera;

(10) 'verifiki fuq il-fruntiera' tfisser il-verifiki mwettqa f'punti tal-qsim tal-fruntiera, sabiex ikun żgurat li persuni, il-mezzi tat-trasport tagħhom u l-oġġetti fil-pussess tagħhom jitħallew jidħlu fit-territorju ta' l-Istati Membri jew jitilqu minnu;

(11) 'sorveljanza fuq il-fruntiera' tfisser is-sorveljanza tal-fruntieri bejn il-punti ta' qsim tal-fruntiera u s-sorveljanza ta' punti ta' qsim tal-fruntiera barra mill-ħinijiet stabbiliti ta' ftuħ, sabiex persuni ma jitħallewx jevitaw il-verifiki fuq il-fruntiera".

9 L-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 562/2006 intitolat "Qsim tal-fruntieri interni" jipprovdi:

"Fruntieri interni jistgħu jinqasmu minn kull punt mingħajr ma jsiru verifiki fuq il-fruntiera fuq persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tagħhom."

10 L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament, intitolat "Verifiki fit-territorju" jipprovdi:

"It-tneħħija tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntieri interni m'għandhiex taffettwa:

(a) l-eżerċizzju ta' setgħat ta' pulizija mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri taħt il-liġi nazzjonali, safejn l-eżerċizzju ta' dawn is-setgħat ma jkollux effett ekwivalenti għal verifiki fuq il-fruntiera; dan japplika wkoll f'żoni tal-fruntiera. Fis-sens ta' l-ewwel sentenza l-eżerċizzju ta' setgħat ta' pulizija ma jistax, b'mod partikolari, ikun ikkunsidrat ekwivalenti għall-eżerċizzju ta' kontrolli fuq il-fruntiera meta l-miżuri ta' pulizija:

(i) ma jkollhomx bħala objettiv il-kontrolli fuq il-fruntiera;

(ii) ikunu bbażati fuq informazzjoni u esperjenza ġenerali ta' pulizija dwar theddid possibbli għas-sigurtà pubblika u jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex jiġġieldu l-kriminalità trans-konfini,

(iii) huma maħsuba u mwettqa b'mod li huwa differenti b'mod ċar minn verifiki sistematiċi fuq persuni fil-fruntieri esterni,

(iv) huma mwettqa abbażi ta' verifiki saltwarji;

[…]

(ċ) il-possibbiltà għal Stat Membru li jipprovdi, permezz ta' liġi, għal obbligu li wieħed ikun fil-pussess jew iġorr miegħu karti u dokumenti;

[…]"

*Id-dritt nazzjonali*

Il-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958

11 Il-Kostituzzjoni tal-4 ta' Ottubru 1958, hekk kif emendata permezz tal-Liġi kostituzzjonali Nru 2008-724, tat-23 ta' Lulju 2008, dwar il-modernizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Ħames Repubblika (JORF tal-24 ta' Lulju 2008, p. 11890, iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni"), tipprovdi fl-Artikolu 61-1 tagħha:

"Meta, matul l-iżvolġiment ta' istanza quddiem qorti, jiġi sostnut li dispożizzjoni leġiżlattiva tippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni, jista' jsir rinviju dwar din il-kwistjoni mill-Conseil d'État jew mill-Cour de cassation quddiem il-Conseil constitutionnel li jiddeċiedi f'terminu stabbilit.

Liġi organika għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni ta' dan l-artikolu."

12 It-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni jipprovdu:

"Dispożizzjoni li tiġi ddikkjarata inkostituzzjonali abbażi tal-Artikolu 61-1 hija mħassra sa mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Conseil constitutionnel jew sa minn data ulterjuri stabbilita minn din id-deċiżjoni. Il-Conseil constitutionnel għandu jiddetermina l-kundizzjonijiet u l-limiti li fihom l-effetti prodotti mid-dispożizzjoni jkunu jistgħu jiġu kkontestati.

Id-deċiżjonijiet tal-Conseil constitutionnel ma jistgħux jiġu appellati. Dawn japplikaw għall-awtoritajiet pubbliċi u għall-awtoritajiet amministrattivi u ġuridiċi kollha."

13 Skont l-Artikolu 88-1 tal-Kostituzzjoni:

"Ir-Repubblika tipparteċipa fl-Unjoni Ewropea stabbilita minn Stati li għażlu b'mod ħieles li jeżerċitaw flimkien uħud mill-kompetenzi tagħhom skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hekk kif jirriżultaw mit-Trattat iffirmat f'Lisbona fit-13 ta' Diċembru 2007."

Id-Digriet Nru 58-1067

14 Permezz tal-Liġi organika Nru 2009-1523, tal-10 ta' Diċembru 2009, dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 61-1 tal-Kostituzzjoni (JORF tal-11 ta' Diċembru 2009, p. 21379), il-kapitolu ġdid, II bis, bit-titolu "Fuq il-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità" ġie miżjud fit-Titolu II tad-Digriet Nru 58-1067, tas-7 ta' Novembru 1958, dwar Liġi organika dwar il-Conseil constitutionnel. Dan il-Kapitolu II bis jipprovdi:

"Taqsima 1

Dispożizzjonijiet applikabbli quddiem il-qrati li jaqgħu taħt il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation

*Article 23-1*

Quddiem il-qrati li jaqgħu taħt il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation, il-motiv ibbażat fuq il-fatt li dispożizzjoni leġiżlattiva tippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni għandu, fuq piena ta' inammissibbiltà, jiġi ppreżentat f'att separat u mmotivat. Tali motiv jista' jitqajjem għall-ewwel darba fl-istanza ta' appell. Ma jistax jitqajjem *ex officio*.

[…]

*Artikolu 23-2*

Il-qorti għandha tiddeċiedi mingħajr dewmien permezz ta' deċiżjoni motivata dwar it-trażmissjoni tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità lill-Conseil d'État jew lill-Cour de cassation. Din it-trażmissjoni għandha ssir jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet segwenti:

1 Id-dispożizzjoni kkontestata tapplika għall-kawża jew għall-proċeduri, jew tikkostitwixxi l-bażi tal-azzjonijiet;

2 Sakemm ma jkunx hemm bdil fiċ-ċirkustanzi, din ma tkunx għadha ġiet iddikkjarata konformi mal-Kostituzzjoni fil-motivi u fid-dispożittiv ta' deċiżjoni tal-Conseil constitutionnel;

3 Il-kwistjoni ma tkunx nieqsa minn natura serja.

Fi kwalunkwe każ, il-qorti għandha, meta tintalab tiddeċiedi dwar motivi li jikkontestaw il-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, minn naħa, mad-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni u, min-naħa l-oħra, mal-impenji internazzjonali ta' Franza, tiddeċiedi bi prijorità dwar it-trażmissjoni tal-kwistjoni ta' kostituzzjonalità lill-Conseil d'État jew lill-Cour de cassation.

Id-deċiżjoni li tiġi trażmessa l-kwistjoni għandha tintbagħat lill-Conseil d'État jew lill-Cour de cassation fi tmint ijiem mid-data meta tingħata flimkien man-noti jew mat-talbiet tal-partijiet. Hija ma tistax tiġi appellata. Ir-rifjut li ssir it-trażmissjoni tal-kwistjoni jista' jiġi kkontestat biss f'appell mid-deċiżjoni li tiddeċiedi l-kawża kollha jew parti minnha.

*Artikolu 23-3*

Meta l-kwistjoni tiġi trażmessa, il-qorti għandha tissospendi l-proċeduri quddiemha sakemm tirċievi d-deċiżjoni tal-Conseil d'État jew tal-Cour de cassation jew, jekk ikun intalab jiddeċiedi, tal-Conseil constitutionnel. L-istanza ma hijiex sospiża u l-qorti tista' tieħu l-miżuri provviżorji jew kawtelatorji neċessarji.

Madankollu, hija ma għandhiex tissospendi l-proċeduri la meta persuna tiġi mċaħħda mil-libertà minħabba l-istanza u lanqas meta l-istanza jkollha l-għan li ttemm miżura li ċċaħħad il-libertà.

Il-qorti tista' wkoll taqta u tiddeċiedi mingħajr ma tistenna d-deċiżjoni dwar il-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità jekk il-liġi jew il-leġiżlazzjoni tipprovdi li din għandha tiddeċiedi f'terminu stabbilit jew b'urġenza. Jekk il-qorti tal-ewwel istanza tiddeċiedi mingħajr ma tistenna u jekk isir appell mid-deċiżjoni tagħha, il-qorti tal-appell għandha tissospendi l-proċeduri. Madankollu, hija tista' ma tissospendix il-proċeduri jekk hija stess ikollha tiddeċiedi f'terminu stabbilit jew b'urġenza.

Barra minn hekk, meta s-sospensjoni tal-proċeduri tkun tista' toħloq konsegwenzi irrimedjabbli jew manifestament eċċessivi għad-drittijiet ta' parti, il-qorti li tiddeċiedi li tittrażmetti l-kwistjoni tista' tiddeċiedi dwar il-punti li għandhom jinqatgħu immedjatament.

Jekk jitressaq appell fil-kassazzjoni meta l-qorti fil-mertu tkun iddeċidiet mingħajr ma tkun stenniet id-deċiżjoni tal-Conseil d'État jew tal-Cour de cassation, jew, jekk jintalab jiddeċiedi, dik tal-Conseil constitutionnel, għandu jkun hemm sospensjoni milli tingħata deċiżjoni fuq l-appell sakemm ma tkunx ġiet deċiża l-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità. Dan ma jgħoddx meta l-persuna interessata tiġi mċaħħda mil-libertà minħabba l-istanza u l-fatt li l-liġi tipprovdi li l-Cour de cassation tiddeċiedi f'terminu stabbilit.

Taqsima 2

Dispożizzjonijiet applikabbli quddiem il-Conseil d'État u l-Cour de cassation

*Artikolu 23-4*

F'terminu ta' tliet xhur li jibda jiddekorri min-notifika tat-trażmissjoni prevista fl-Artikolu 23-2 jew fl-aħħar paragrafu tal-Artikolu 23-1, il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation għandha tiddeċiedi dwar ir-rinviju tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità. Dan ir-rinviju għandu jsir hekk kif jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Artikolu 23-2 u meta l-kwistjoni tkun ġdida jew tkun ta' natura serja.

*Artikolu 23-5*

Il-motiv ibbażat fuq il-fatt li dispożizzjoni leġiżlattiva tippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni jista' jitqajjem, inkluż għall-ewwel darba fil-kassazzjoni, matul istanza quddiem il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation. Il-motiv għandu jiġi ppreżentat, fuq piena ta' inammissibbiltà, f'nota distinta u motivata. Ma jistax jitqajjem *ex officio*.

Fi kwalunkwe każ, il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation għandhom, meta jitressqu quddiemhom motivi li jikkontestaw il-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, minn naħa, mad-drittijiet u l-libertajiet garantiti mill-Kostituzzjoni u, min-naħa l-oħra, mal-impenji internazzjonali ta' Franza, għandha tiddeċiedi bi prijorità dwar ir-rinviju tal-kwistjoni ta' kostituzzjonalità lill-Conseil constitutionnel.

Il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation għandhom terminu ta' tliet xhur li jibda jiddekorri mill-preżentata tal-motiv sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha. Il-Conseil constitutionnel għandu jiddeċiedi dwar il-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 u 2 tal-Artikolu 23-2 jiġu sodisfatti u l-kwistjoni tkun ġdida jew tkun ta' natura serja.

Meta l-Conseil constitutionnel jintalab jiddeċiedi, il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation għandhom jissospendu l-proċeduri quddiemhom sakemm il-Conseil constitutionnel jagħti d-deċiżjoni tiegħu. Dan ma jgħoddx meta l-persuna interessata tiġi mċaħħda mil-libertà minħabba l-kawża u l-liġi tkun tipprovdi li l-Cour de cassation tiddeċiedi f'terminu determinat. Jekk il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation tkun marbuta li tiddeċiedi b'urġenza, jista' ma jkunx hemm sospensjoni tal-proċeduri.

[...]

*Artikolu 23-7*

Id-deċiżjoni motivata tal-Conseil d'État jew tal-Cour de cassation li tintalab deċiżjoni mingħand il-Conseil constitutionnel għandha tintbgħatlu flimkien man-noti jew mat-talbiet tal-partijiet. Il-Conseil constitutionnel għandu jirċievi kopja tad-deċiżjoni motivata li permezz tagħha l-Conseil d'État jew il-Cour de cassation jiddeċiedu li ma jitolbuhx jiddeċiedi dwar kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità. Jekk il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation ma jkunux iddeċidew fit-termini stabbiliti fl-Artikoli 23-4 u 23-5, il-kwistjoni għandha tinbagħat lill-Conseil constitutionnel.

[...]

Taqsima 3

Dispożizzjonijiet applikabbli quddiem il-Conseil constitutionnel

[...]

*Artikolu 23-10*

Il-Conseil constitutionnel għandu jiddeċiedi f'terminu ta' tliet xhur li jibda jiddekorri minn meta jitressqu l-proċeduri quddiemu. Il-partijiet għandhom ukoll jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom f'forma ta' kontradittorju. Is-seduta hija pubblika, ħlief f'każijiet eċċezzjonali stabbiliti mir-regolament intern tal-Conseil constitutionnel.

[...]"

Il-Kodiċi tal-proċedura kriminali

15 L-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fil-mument tal-fatti jipprovdi:

"L-uffiċjali tal-pulizija ġudizzjarja u, fuq l-ordni u taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-aġenti tal-pulizija ġudizzjarja u l-assistenti aġenti tal-pulizija ġudizzjarja msemmija fl-Artikoli 20 u 21-1 jistgħu jistiednu sabiex tiġġustifika, bi kwalunkwe mezz, mill-identità tagħha, kwalunkwe persuna li fil-konfront tagħha teżisti raġuni jew raġunijiet plawżibbli ta' suspett li:

— wettqet jew ipprovat twettaq ksur;

— jew kienet qegħda tipprepara sabiex twettaq reat jew delitt;

— jew hija suxxettibbli li tipprovdi informazzjoni utli għall-investigazzjoni f'każ ta' reat jew delitt;

— jew li kienet is-suġġett ta' tiftix ordnat minn awtorità ġudizzjarja.

Fuq sottomissjonijiet bil-miktub tal-prokuratur tar-Repubblika għall-finijiet tar-riċerka u għall-investigazzjoni ta' ksur li jippreċiża, l-identità ta' kull persuna tista' wkoll tiġi kkontrollata, skont l-istess proċedura, fil-postijiet u għal perijodu ta' żmien determinati minn dan il-membru tal-ġudikatura. Il-fatt li l-kontroll tal-identità juri ksur ieħor minbarra dak imsemmi fis-sottomissjonijiet tal-prokuratur tar-Repubblika ma huwiex każ ta' nullità tal-proċeduri inċidentali.

L-identità ta' kwalunkwe persuna, ikun xi jkun l-aġir tagħha, tista' tiġi wkoll ikkontrollata, skont il-proċedura prevista fl-ewwel paragrafu, sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' attakk kontra l-ordni pubbliku, b'mod partikolari għas-sigurtà tal-persuni jew tal-proprjetà.

F'żona inkluża bejn il-fruntiera terrestri ta' Franza mal-Istati partijiet fil-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u linja mmarkata sa 20 kilometru lil hinn, kif ukoll fiż-żoni aċċessibbli għall-pubbliku tal-portijiet, ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija jew vendi tal-karozzi tal-linja, li huma miftuħa għat-traffiku internazzjonali u identifikati permezz ta' digriet, l-identità ta' kwalunkwe persuna tista' wkoll tiġi kkontrollata, skont il-proċedura pprovduta fil-paragrafu 1, sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-obbligi ta' detenzjoni, ta' pussess u tal-preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi. Fejn tali kontroll iseħħ fuq ferrovija b'rotta internazzjonali, dan jista' jseħħ fuq il-parti tal-vjaġġ bejn il-fruntiera u l-ewwel stazzjon li jkun jinsab lil hinn minn 20 kilomteru mill-fruntiera. Madankollu, fuq ferroviji b'rotta internazzjonali u li għandhom karatteristiċi partikolari ta' servizz, il-kontroll jista' wkoll iseħħ bejn dan l-istazzjon u stazzjon li jkun jinsab fil-limitu ta' ħamsin kilometru 'il bogħod. Dawn ir-rotot u dawn l-istazzjonijiet huma identifikati permezz ta' digriet ministerjali. Meta jkun hemm sezzjoni ta' awtostrada li tibda fiż-żona msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u l-ewwel pedaġġ tal-awtostrada jinsab lil hinn mil-linja mmarkata ta' 20 kilometru, il-kontroll jista' jseħħ sa dan l-ewwel pedaġġ, f'żoni ta' parkeġġ jew fis-sit tal-pedaġġ jew iż-żoni ta' parkeġġ ħdejh. Il-pedaġġi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni huma identifikati permezz ta' digriet. Il-fatt li l-kontroll ta' identità juri ksur differenti minn dak tan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligi msemmija iktar 'il fuq ma huwiex kawża ta' nullità tal-proċeduri inċidentali.

[…]"

## Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

16 A. Melki u S. Abdeli, ċittadini Alġerini f'sitwazzjoni irregolari fi Franza, ġew ikkontrollati mill-pulizija skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, f'żona inkluża bejn il-fruntiera terrestri ta' Franza mal-Belġju u linja mmarkata sa 20 kilometru lil hinn minn din il-fruntiera. Fit-23 ta' Marzu 2010, huma ġew suġġetti separatament għal deċiżjoni tal-prefettura u ttieħdu fejn il-fruntiera u ġew miżmuma.

17 Quddiem il-qorti tal-libertajiet u tad-detenzjoni, mitluba tiddeċiedi permezz ta' talba ta' estensjoni ta' din id-detenzjoni, A. Melki u S. Abdeli kkontestaw ir-regolarità tal-interrogatorju u qajmu n-nuqqas ta' kostituzzjonalità tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, minħabba li din id-dispożizzjoni tippreġudika d-drittijiet u l-libertajiet mogħtija mill-Kostituzzjoni.

18 Permezz ta' żewġ digrieti, tal-25 ta' Marzu 2010, il-qorti tal-libertajiet u tad-detenzjoni ordnat, minn naħa, it-trażmissjoni lill-Cour de cassation tal-kwistjoni dwar jekk ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali jippreġudikax id-drittijiet u l-libertajiet iggarantiti mill-Kostituzzjoni u, min-naħa l-oħra, l-estensjoni tad-detenzjoni ta' A. Melki u S. Abdeli għal terminu ta' ħmistax-il ġurnata.

19 Skont il-qorti tar-rinviju, A. Melki u S. Abdeli jsostnu li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali huwa kuntrarju għall-Kostituzzjoni peress li l-impenji tar-Repubblika Franċiża li jirriżultaw mit-Trattat ta' Lisbona għandhom valur kostituzzjonali fid-dawl tal-Artikolu 88-1 tal-Kostituzzjoni u li l-imsemmija dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-proċedura kriminal, sa fejn tawtorizza kontrolli fuq il-fruntiera mal-Istati Membri l-oħra, huwa kuntrarju għall-prinċipju ta' moviment liberu tal-persuni stabbilit fl-Artikolu 67(2) TFUE li jipprovdi li

l-Unjoni Ewropea għandha tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri interni.

20 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, fl-ewwel lok, li l-kwistjoni hija dwar il-konformità tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali kemm mad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mal-Kostituzzjoni.

21 Fit-tieni lok, il-Cour de cassation tiddeduċi mill-Artikoli 23-2 u 23-5 tad-Digriet Nru 58-1067 kif ukoll mill-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni li l-qrati fil-mertu, bħalha stess, huma mċaħħda, bl-effett tal-Liġi organika li daħlet l-imsemmija artikoli fid-Digriet Nru 58-1067, mill-possibbiltà li jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja meta kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità tiġi trażmessa lill-Conseil constitutionnel.

22 Filwaqt li qieset li d-deċiżjoni tagħha dwar ir-rinviju tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità tiddependi mill-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Cour de cassation iddeċidiet, f'kull kawża pendenti, li tissospendi l-proċeduri quddiemha u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 267 [TFUE] jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 23-2 u mill-paragrafu 2 tal-Artikolu 23-5 tad-Digriet Nru 58-1067, tas-7 ta' Novembru 1958, stabbiliti permezz tal-Liġi organika

Nru 2009-1523, tal-10 ta' Diċembru 2009, sa fejn jimponu fuq il-qrati l-obbligu li jagħtu deċiżjoni bi prijorità dwar it-trażmissjoni, lill-Conseil constitutionnel, tal-kwistjoni ta' kostituzzjonalità mressqa quddiemhom, sa fejn din il-kwistjoni tirrigwarda n-nuqqas ta' konformità mal-Kostituzzjoni tad-dritt nazzjonali, minħabba li dan imur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni?

2) L-Artikolu 67 [TFUE] jipprekludi leġiżlazzjoni bħal dik li tirriżulta mill-paragrafu 4 tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali li jipprovdi li '[f]'żona inkluża bejn il-fruntiera terrestri ta' Franza mal-Istati partijiet fil-Konvenzjoni ffirmata f'Schengen fid-19 ta' Ġunju 1990 u linja mmarkata sa 20 kilometru lil hinn, kif ukoll fiż-żoni aċċessibbli għall-pubbliku tal-portijiet, ajruporti, stazzjonijiet tal-ferrovija jew vendi tal-karozzi tal-linja, li huma miftuħa għat-traffiku internazzjonali u identifikati permezz ta' digriet, l-identità ta' kwalunkwe persuna tista' wkoll tiġi kkontrollata, skont il-proċedura pprovduta fil-paragrafu 1, sabiex tiġi vverifikata l-osservanza tal-obbligi ta' detenzjoni, ta' pussess u tal-preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi. Fejn tali kontroll iseħħ fuq ferrovija b'rotta internazzjonali, dan jista' jseħħ fuq il-parti tal-vjaġġ bejn il-fruntiera u l-ewwel stazzjon li jkun jinsab lil hinn minn 20 kilomteru mill-fruntiera. Madankollu, fuq ferroviji b'rotta internazzjonali u li għandhom karatteristiċi partikolari ta' servizz, il-kontroll jista' wkoll iseħħ bejn dan l-istazzjon u stazzjon li jkun jinsab fil-limitu ta' ħamsin kilometru 'il bogħod. Dawn ir-rotot u dawn l-istazzjonijiet huma identifikati permezz ta' digriet ministerjali. Meta jkun hemm sezzjoni ta' awtostrada li tibda fiż-żona msemmija fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu u l-ewwel pedaġġ tal-awtostrada jinsab lil hinn mil-linja mmarkata ta' 20 kilometru, il-kontroll jista' jseħħ sa dan l-ewwel pedaġġ, f'żoni ta' parkeġġ jew fis-sit tal-pedaġġ jew iż-żoni ta' parkeġġ ħdejh. Il-pedaġġi li jaqgħu taħt din id-dispożizzjoni huma identifikati permezz ta' digriet?"

23 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' April 2010, il-Kawżi C-188/10 u C-189/10 ġew magħquda għall-finijiet tal-proċedura bil-miktub u orali, kif ukoll tas-sentenza.

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ammissibbiltà*

24 Il-Gvern Franċiż jeċċepixxi l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari.

25 Fir-rigward tal-ewwel domanda, il-Gvern Franċiż iqis li din hija ta' natura purament ipotetika. Fil-fatt, din id-domanda hija bbażata fuq il-premessa li l-Conseil constitutionnel, waqt l-eżami tal-konformità ta' liġi mal-Kostituzzjoni, jista' jasal sabiex jeżamina l-konformità ta' din il-liġi mad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, skont il-ġurisprudenza tal-Conseil constitutionnel, ma huwiex hu, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet, iżda l-qrati ordinarji ta' natura amministrattiva u ġudizzjarja li għandhom jeżaminaw il-konformità ta' liġi mad-dritt tal-Unjoni. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li, skont id-dritt nazzjonali, il-Conseil d'État u l-Cour de cassation ma humiex obbligati jirrinvijaw lill-Conseil constitutionnel kwistjonijiet dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, peress li tali kwistjonijiet ma humiex relatati mal-istħarriġ tal-kostituzzjonalità.

26 Fir-rigward tat-tieni domanda preliminari, il-Gvern Franċiż isostni li risposta għal din id-domanda hija inutli. Fil-fatt, sa mid-9 ta' April 2010, A. Melki u S. Abdeli ma huma suġġetti għal ebda miżura li ċċaħħadhom mil-libertà u, sa minn din id-data, iż-żewġ digrieti tal-qorti tal-libertajiet u tad-detenzjoni waqfu milli jħallu dan l-effett. Il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali mal-Artikolu 67 TFUE hija wkoll irrelevanti fil-kuntest tal-unika istanza li għadha għaddejja quddiem il-Cour de cassation, peress li, kif fakkar il-Conseil

constitutionnel fid-deċiżjoni tiegħu Nru 2010-605 DC, tat-12 ta' Mejju 2010, dan qies li ma għandux kompetenza sabiex jeżamina l-kompatibbiltà ta' liġi mad-dritt tal-Unjoni meta jkun mitlub jiddeċiedi dwar il-istħarriġ tal-kostituzzjonalità ta' din il-liġi.

27 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest legali u fattwali li tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha, u li fir-rigward tagħhom ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tivverifika l-eżattezza, dawn jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti risposta għal domanda magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss jekk ikun jidher b'mod evidenti li l-interpretazzjoni mitluba tad-dritt tal-Unjoni ma għandha ebda relazzjoni mar-realtà u mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 2008, Regie Networks, C-333/07, Ġabra p. I-10807, punt 46; tat-8 ta' Settembru 2009, Budejovicky Budvar, C-478/07, Ġabra p. I-7721, punt 63, u tal-20 ta' Mejju 2010, Zanotti, C-56/09, Ġabra p. I-4517, punt 15).

28 Issa, f'dan il-każ, id-domandi preliminari li saru jikkonċernaw l-interpretazzjoni tal-Artikoli 67 TFUE u 267 TFUE. Mill-motivi tad-deċiżjonijiet ta' rinviju ma jirriżultax li d-digrieti mogħtija mill-qorti tal-libertajiet u tad-detenzjoni fil-konfront ta' A. Melki u S. Abdeli waqfu milli jħallu l-effett tagħhom. Barra minn hekk, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni, tal-mekkaniżmu tal-kwistjoni prijoritarja tal-kostituzzjonalità, magħmula mill-Cour de cassation, hija fil-fatt eskluża fid-dawl tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali.

29 Għalhekk, il-preżunzjoni ta' rilevanza li minnha tibbenefika t-talba għal deċiżjoni preliminari f'kull waħda mill-kawżi ma tinqalibx permezz tal-oġġezzjonijiet magħmula mill-Gvern Franċiż.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-talba għal deċiżjoni preliminari li saret f'dawn il-kawżi għandha tiġi kkunsidrata ammissibbli.

*Fuq l-ewwel domanda*

31 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 267 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistabbilixxi proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet nazzjonali li jimponu lill-qrati tal-imsemmi Stat Membru sabiex jiddeċiedu bi prijorità fuq it-trażmissjoni, lill-qorti nazzjonali responsabbli sabiex teżerċita l-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet, ta' domanda dwar il-konformità ta' dispożizzjoni tad-dritt intern mal-Kostituzzjoni meta fl-istess ħin ikun hemm il-kwistjoni tal-kuntrarjetà ta' din mad-dritt tal-Unjoni.

Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

32 A. Melki u S. Abdeli jikkunsidraw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, taħt riżerva li l-Conseil constitutionnel jeżamina d-dritt tal-Unjoni u, f'każ ta' dubju dwar l-interpretazzjoni tiegħu jistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, billi għalhekk jitlob li r-rinviju li jsir jiġi suġġett għall-proċedura mħaffa skont l-Artikolu 104a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

33 Il-Gvern Franċiż iqis li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, peress li din la tibdel u lanqas ma tikkontesta r-rwol u l-kompetenzi tal-qorti nazzjonali skont id-dritt tal-Unjoni. Sabiex jissostanzja dan l-argument, dan il-gvern jibbaża ruħu, essenzjalment, fuq l-istess interpretazzjoni tal-imsemmija leġiżlazzjoni bħal dik li ngħatat, wara t-trażmissjoni tad-deċiżjonijiet tar-rinviju tal-Cour de cassation lill-Qorti tal-Ġustizzja, kemm mill-Conseil constitutionnel, fid-deċiżjoni tiegħu Nru 2010-605 DC, tat-12 ta' Mejju 2010 kif ukoll tal-Conseil d'État, fid-deċiżjoni tiegħu Nru 312305, tal-14 ta' Mejju 2010.

34 Skont din l-interpretazzjoni, huwa eskluż li kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità jkollha l-għan li tagħmel lill-Conseil constitutionnel domanda ta' kompatibbiltà ta' liġi mad-dritt tal-Unjoni. Ma huwiex dan, iżda l-qrati ordinarji ta' natura amministrattiva u ġudizzjarja li għandhom jeżaminaw il-konformità ta' liġi mad-dritt tal-Unjoni, li japplikaw huma stess u skont l-evalwazzjoni tagħhom stess id-dritt tal-Unjoni kif ukoll li jagħmlu, waqt jew wara t-trażmissjoni tad-domanda prijoritarja ta' kostituzzjonalità, domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

35 F'dan ir-rigward, il-Gvern Franċiż isostni b'mod partikolari li, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti nazzjonali tista' jew, taħt ċerti kundizzjonijiet, tiddeċiedi fuq il-mertu mingħajr ma tistenna d-deċiżjoni tal-Cour de cassation, tal-Conseil d'État jew tal-Conseil constitutionnel dwar il-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità, jew tieħu l-miżuri provviżorji jew kawtelatorji neċessarji sabiex tiżgura protezzjoni immedjata tad-drittijiet li l-konvenuti jisiltu mid-dritt tal-Unjoni.

36 Kemm il-Gvern Franċiż kif ukoll il-Gvern Belġjan isostnu li l-mekkaniżmu proċedurali tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità għandha l-għan li tiggarantixxi lill-konvenuti li t-talba tagħhom ta' eżami tal-kostituzzjonalità ta' dispożizzjoni nazzjonali ser tiġi effettivament ittrattata, mingħajr ma t-talba għal deċiżjoni lill-Conseil constitutionnel tkun tista' titwarrab abbażi tal-inkompatibbilta tad-dispożizzjoni inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk it-talba għal deċiżjoni lill-Conseil constitutionnel għandha l-vantaġġ li dan tal-aħħar jista' jabroga liġi inkompatibbli mal-Kostituzzjoni, fejn din l-abrogazzjoni għaldaqstant għandha effett *erga omnes*. Min-naħa l-oħra, l-effetti ta' sentenza ta' qorti ta' natura amministrattiva jew ġudizzjarja, li tikkonstata li dispożizzjoni nazzjonali hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, huma limitati għall-kawża partikolari deċiża minn din il-qorti.

37 Il-Gvern Ċek, min-naħa tiegħu, jipproponi li r-risposta tkun li mill-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni jirriżulta li l-qorti nazzjonali għandha tiżgura l-effett sħiħ tad-dritt tal-Unjoni billi teżamina l-kompatibbiltà tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni u billi ma tapplikax id-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali kuntrarji, mingħajr ma jkollha qabel xejn titlob deċiżjoni tal-qorti kostituzzjonali nazzjonali

jew ta' qorti nazzjonali oħra. Skont il-Gvern Ġermaniż, l-eżerċizzju tad-dritt li ssir domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, mogħti mill-Artikolu 267 TFUE lil kull qorti nazzjonali, ma għandux jiġi ostakolat minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tissuġġetta t-talba lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal deċiżjoni ta' qorti nazzjonali oħra. Il-Gvern Pollakk iqis li l-Artikolu 267 TFUE ma jipprekludix leġiżlazzjoni bħal dik imsemmija fl-ewwel domanda preliminari, peress li l-proċedura prevista fiha ma tippreġudikax is-sustanza tad-drittijiet u tal-obbligi tal-qrati nazzjonali hekk kif jirriżultaw mill-imsemmi artikolu.

38 Il-Kummissjoni tqis li d-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-prinċipju ta' supremazija ta' dan id-dritt kif ukoll l-Artikolu 267 TFUE, jippreklud i leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik deskritta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju, fl-ipoteżi fejn kull kontestazzjoni tal-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva mad-dritt tal-Unjoni tippermetti lill-konvenut sabiex jibbenefika minn ksur tal-Kostituzzjoni minn din id-dispożizzjoni leġiżlattiva. F'dan il-każ, l-oneru li jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-Unjoni huwa impliċitament iżda neċessarjament trasferit mill-qorti fil-mertu għall-Conseil constitutionnel. Konsegwentement, il-mekkaniżmu tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità twassal għal sitwazzjoni bħal dik iġġudikata kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tad-9 ta' Marzu 1978, Simmenthal (106/77, Ġabra p. 629). Il-fatt li l-qorti kostituzzjonali tista', hi stess, tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jsolvix din is-sitwazzjoni.

39 Jekk, min-naħa l-oħra, kontestazzjoni tal-konformità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva mad-dritt tal-Unjoni ma tippermettix lill-konvenut sabiex jibbenefika *ipso facto* minn kontestazzjoni tal-konformità tal-istess dispożizzjoni leġiżlattiva mal-Kostituzzjoni, b'mod li l-qorti fil-mertu tibqa' kompetenti sabiex tapplika d-dritt tal-Unjoni, dan ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik intiża fl-ewwel domanda preliminari magħmula, sakemm diversi kriterji ma jiġux sodisfatti. Skont il-Kummissjoni, il-qorti nazzjonali għandha tibqa' ħielsa li simultanjament tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja kwalunkwe domanda preliminari li hija tqis neċessarja u li tadotta kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja tad-drittijiet iggarantiti mid-dritt tal-Unjoni. Huwa wkoll neċessarju, minn naħa, li l-proċedura inċidentali ta' stħarriġ ta' kostituzzjonalità ma twassalx għal sospensjoni tal-proċedura fil-mertu permezz ta' dewmien eċċessiv, u, min-naħa l-oħra, li, fi tmiem din il-proċedura inċidentali u indipenedentement mir-riżultat tagħha, il-qorti nazzjonali tibqa'

kompletament libera li tevalwa l-konformità tad-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni, li ma tapplikahiex jekk tikkunsidraha kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni u li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari jekk hija tqis li jkun neċessarju.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

40 L-Artikolu 267 TFUE jagħti kompetenza lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi, b'titolu preliminari, kemm dwar l-interpretazzjoni tat-trattati u tal-atti tal-istituzzjonijiet, korpi jew organi tal-Unjoni kif ukoll fuq il-validità ta' dawn l-atti. Dan l-artikolu jipprovdi, fit-tieni paragrafu tiegħu, li qorti nazzjonali tista' tissottometti tali domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk hija stess tqis li deċiżjoni fuq dan il-punt hija neċessarja sabiex tagħti d-deċiżjoni tagħha, u, fit-tielet paragrafu tiegħu, li għandha tagħmel id-domandi tagħha jekk id-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu appellati fid-dritt intern.

41 Minn dan jirriżulta, fl-ewwel lok, li, anki jekk jista' jkun vantaġġuż, skont iċ-ċirkustanzi, li l-problemi purament ta' dritt nazzjonali jiġu deċiżi fil-mument tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara s-sentenza tal-10 ta' Marzu 1981, Irish Creamery Milk Suppliers Association *et*, 36/80 u 71/80, Ġabra p. 735, punt 6), il-qrati nazzjonali għandhom diskrezzjoni mill-iktar wiesgħa sabiex jirreferu kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk jikkunsidraw li kawża quddiemhom tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni jew ta' evalwazzjoni tal-validità tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tirrikjedi deċiżjoni min-naħa tagħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Jannar 1974, Rheinmühlen-Düsseldorf, 166/73, Ġabra p. 33, punt 3; tas-27 ta' Ġunju 1991, Mecanarte, C-348/89, Ġabra p. I-3277, punt 44, u tas-16 ta' Diċembru 2008, Cartesio, C-210/06, Ġabra p. I-9641, punt 88).

42 Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet minn dan kollu li l-eżistenza ta' regola ta' dritt intern li torbot il-qrati li ma jkunux tal-aħħar istanza għall-evalwazzjoni mogħtija fid-dritt minn qorti ta' grad superjuri ma tistax, sempliċiment minħabba dan il-fatt,

iċċaħħadhom mill-possibbiltà prevista fl-Artikolu 267 TFUE li jirreferu lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Rheinmühlen-Düsseldorf, punti 4 u 5, kif ukoll Cartesio, punt 94). Il-qorti li tiddeċidix bħala qorti tal-aħħar istanza għandha tkun ħielsa, b'mod partikolari jekk tikkunsidra li l-evalwazzjoni fid-dritt magħmula fi grad superjuri tista' twassalha sabiex tagħti deċiżjoni kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi li jħassbuha (sentenza tad-9 ta' Marzu 2010, ERG *et*, C-378/08, Ġabra p. I-1919, punt 32).

43 Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-qorti nazzjonali, li għandha l-obbligu li tapplika, fil-kuntest tal-kompetenza tagħha, id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni għandha l-obbligu li tiżgura l-effett sħiħ ta' dawn ir-regoli u billi ma tapplikax, fejn huwa neċessarju, fuq awtorità tagħha stess, kwalunkwe dispożizzjoni li tmur kontra l-leġiżlazzjoni nazzjonali, anki sussegwenti, mingħajr ma jkollha titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha permezz ta' leġiżlazzjoni jew bi kwalunkwe proċedura kostituzzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punti 21 u 24; tal-20 ta' Marzu 2003, Kutz-Bauer, C-187/00, Ġabra p. I-2741, punt 73; tat-3 ta' Mejju 2005, Berlusconi *et*, C-387/02, C-391/02 u C-403/02, Ġabra p. I-3565, punt 72, kif ukoll tad-19 ta' Novembru 2009, Filipiak, C-314/08, Ġabra p. I-11049, punt 81).

44 Fil-fatt, kull dispożizzjoni ta' sistema legali nazzjonali jew kull prattika leġiżlattiva, amministrattiva jew ġudizzjarja, li għandha l-effett li tnaqqas l-effettività tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-fatt li tirrifjuta lill-qorti kompetenti mill-applikazzjoni ta' dan id-dritt is-setgħa li tagħmel, fil-mument stess ta' din l-applikazzjoni, dak kollu li huwa neċessarju sabiex twarrab id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi nazzjonali li eventwalment jifformaw ostakolu għall-effettività sħiħa ta' dawn ir-regoli tal-Unjoni hija inkompatibbli mar-rekwiżiti inerenti għan-natura stess tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenzi Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 22, kif ukoll tad-19 ta' Ġunju 1990, Factortame *et*, C-213/89, Ġabra p. I-2433, punt 20). Dan huwa l-każ li kieku, fl-ipoteżi ta' nuqqas ta' qbil bejn dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni u liġi nazzjonali, is-soluzzjoni ta' dan il-kunflitt kienet f'idejn awtorità differenti mill-qorti mitluba li tiżgura l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, li għandha setgħa diskrezzjonali separata, anki li kieku l-ostakolu li b'hekk jirriżulta minnha għall-effettività sħiħa ta' dan id-dritt kellu jkun biss temporanju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

45 Fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali li jkollha quddiemha kawża li tikkonċerna dritt tal-Unjoni, li tikkunsidra li dispożizzjoni nazzjonali mhux biss hija kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, iżda wkoll affettwata b'vizzji ta' antikostituzzjonalità, ma hijiex imċaħħda mill-possibbiltà jew ħielsa mill-obbligu, previsti fl-Artikolu 267 TFUE, li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni minħabba l-fatt li l-konstatazzjoni tal-antikostituzzjonalità ta' regola tad-dritt intern hija suġġetta għal rikors obbligatorju quddiem il-qorti kostituzzjonali. Fil-fatt, l-effettività tad-dritt tal-Unjoni tkun mhedda li kieku l-eżistenza ta' rikors obbligatorju quddiem il-qorti kostituzzjonali setgħet iċċaħħad lill-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq kawża rregolata mid-dritt tal-Unjoni, milli teżerċita l-possibbiltà li għandha skont l-Artikolu 267 TFUE li tissottometti lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tippermettilha tiddeċiedi jekk regola nazzjonali hijiex kompatibbli jew le miegħu (ara s-sentenza Mecanarte, iċċitata iktar 'il fuq, punti 39, 45 u 46).

46 Fir-rigward tal-konsegwenzi li jirriżultaw mill-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet nazzjonali bħal dawk imsemmija fl-ewwel domanda preliminari magħmula, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju titlaq mill-premessa li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, waqt l-eżami ta' kwistjoni ta' kostituzzjonalità li hija bbażata fuq l-inkompatibbiltà tal-liġi inkwistjoni mad-dritt tal-Unjoni, il-Conseil constitutionnel għandu jevalwa wkoll il-konformità ta' din il-liġi mad-dritt tal-Unjoni. F'dan il-każ, qabel din it-trażmissjoni, il-qorti fil-mertu li tittrażmetti l-kwistjoni ta' kostituzzjonalità, la tista' tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tal-liġi kkonċernata mad-dritt tal-Unjoni u lanqas ma tista' tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' din il-liġi. Barra minn hekk, fl-ipoteżi fejn il-Conseil constitutionnel iqis li l-liġi inkwistjoni hija konformi mad-dritt tal-Unjoni, l-imsemmija qorti fil-mertu lanqas ma tista', wara d-deċiżjoni mogħtija mill-Conseil constitutionnel li tapplika għall-awtoritajiet ġudizzjarji kollha, tagħmel domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. L-istess japplika meta l-motiv ibbażat fuq l-antikostituzzjonalità ta' dispożizzjoni leġiżlattiva jitqajjem waqt istanza quddiem il-Conseil d'État jew il-Cour de cassation.

47 Skont din l-interpretazzjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha l-konsegwenza li tipprekludi, kemm qabel it-trażmissjoni ta' kwistjoni ta' kostituzzjonalità, kif ukoll, jekk ikun il-każ, wara d-deċiżjoni tal-Conseil constitutionnel dwar din il-kwistjoni, lill-qrati ta' natura amministrattiva u ġudizzjarja

nazzjonali milli jeżerċitaw il-possibbiltà tagħhom jew milli jissodisfaw l-obbligu tagħhom, previsti fl-Artikolu 267 TFUE, li jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Għandu jiġi kkonstatat li mill-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 41 sa 45 ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Artikolu 267 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fid-deċiżjonijiet tar-rinviju.

48 Madankollu, hekk kif jirriżulta mill-punti 33 sa 36 ta' din is-sentenza, il-Gvern Franċiż u dak Belġjan ippreżentaw interpretazzjoni differenti tal-leġiżlazzjoni Franċiża msemmija fl-ewwel domanda preliminari magħmula billi bbażaw ruħhom, b'mod partikolari, fuq id-deċiżjonijiet tal-Conseil constitutionnel Nru 2010-605 DC, tat-12 ta' Mejju 2010, u tal-Conseil d'État Nru 312305, tal-14 ta' Mejju 2010, mogħtija wara t-trażmissjoni tad-deċiżjonijiet tar-rinviju tal-Cour de cassation lill-Qorti tal-Ġustizzja.

49 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, fil-kawżi li għandha quddiemha, liema hija l-interpretazzjoni korretta tad-dritt nazzjonali.

50 Skont ġurisprudenza stabbilita, hija l-qorti nazzjonali li, sa fejn ikun possibbli, għandha tagħti lil-liġi interna li hija għandha tapplika interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni (sentenzi tas-26 ta' Settembru 2000, Engelbrecht, C-262/97, Ġabra p. I-7321, punt 39; tas-27 ta' Ottubru 2009, ČEZ, C-115/08, Ġabra p. I-10265, punt 138, u tat-13 ta' April 2010, Wall, C-91/08, Ġabra p. I-2815, punt 70). Fid-dawl tad-deċiżjonijiet imsemmija iktar 'il fuq tal-Conseil constitutionnel u tal-Conseil d'État, tali interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu sistema ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi eskluża.

51 L-eżami tal-kwistjoni dwar jekk interpretazzjoni konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu tal-kwistjoni prijoritarja ta' kostituzzjonalità hijiex possibbli ma tistax tikkontesta l-karatteristiċi essenzjali tas-sistema ta' kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita permezz tal-Artikolu 267 TFUE kif jirriżultaw mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 41 sa 45 ta' din is-sentenza.

52 Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex tiġi żgurata s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni, il-funzjonament tal-imsemmija sistema ta' kooperazzjoni teħtieġ li l-qorti nazzjonali tkun ħielsa, fi kwalunkwe mument tal-proċeduri li tqis xieraq, u anki fi tmiem il-proċeduri inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità, li tagħmel kull domanda preliminari li tqis neċessarja lill-Qorti tal-Ġustizzja.

53 Sa fejn id-dritt nazzjonali jipprovdi l-obbligu li tinbeda proċedura inċidentali ta' stħarriġ ta' kostituzzjonalità li tipprekludi lill-qorti nazzjonali milli ma tapplikax immedjatament dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali li hija tqis kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni, il-funzjonament tas-sistema stabbilita bl-Artikolu 267 TFUE jeħtieġ madankollu li l-imsemmija qorti tkun ħielsa, minn naħa, li tadotta kwalunkwe miżura neċessarja sabiex tiżgura l-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja tad-drittijiet mogħtija bis-sistema ġuridika tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li ma tapplikax, fi tmiem tali proċedura inċidentali, l-imsemmija dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali jekk hija tqis li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni.

54 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li n-natura prijoritarja ta' proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità ta' liġi nazzjonali li l-kontenut tagħha sempliċiment jittrasponi d-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' direttiva tal-Unjoni ma tistax tippreġudika l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li tikkonstata l-invalidità ta' att tal-Unjoni, u b'mod partikolari ta' direttiva, kompetenza li għandha l-għan li tiggarantixxi ċ-ċertezza legali billi tiżgura l-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 1987, Foto-Frost, 314/85, Ġabra p. 4199, punti 15 sa 20; tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 27, kif ukoll tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini, C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 53).

55 Fil-fatt, sa fejn in-natura prijoritarja ta' proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità twassal għall-abrogazzjoni ta' liġi nazzjonali li sempliċiment tittrasponi d-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' direttiva tal-Unjoni minħabba li tkun kuntrarja għall-Kostituzzjoni nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-prattika, tiġi mċaħħda, fuq talba tal-qrati fil-mertu tal-Istat Membru kkonċernat, mill-possibbiltà li tagħmel stħarriġ tal-validità tal-imsemmija direttiva meta mqabbla mal-istess motivi dwar ir-rekwiżiti tad-dritt primarju, u b'mod partikolari tad-drittijiet rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li skont l-Artikolu 6 TFUE għandha l-istess valur legali bħal dak rikonoxxut lit-Trattati.

56 Qabel ma l-istħarriġ inċidentali ta' kostituzzjonalità ta' liġi li l-kontenut tagħha sempliċiment jittrasponi d-dispożizzjonijiet obbligatorji ta' direttiva tal-Unjoni jkun jista' jsir fil-konfront tal-istess motivi kontra l-validità tad-direttiva, il-qrati nazzjonali, li d-deċiżjonijiet tagħhom ma jistgħux jiġu appellati fid-dritt intern, għandhom, bħala regola, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE, jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-validità ta' din id-direttiva u, sussegwentement, jisiltu l-konsegwenzi li jirriżultaw mis-sentenza preliminari mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, sakemm il-qorti responsabbli mill-istħarriġ inċidentali ta' kostituzzjonalità ma tkunx hi stess għamlet din id-domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja abbażi tat-tieni paragrafu tal-imsemmi artikolu. Fil-fatt, fir-rigward ta' liġi nazzjonali ta' traspożizzjoni b'tali kontenut, il-kwistjoni dwar jekk id-direttiva hijiex valida, għandha, fid-dawl tal-obbligu li tiġi trasposta, natura preliminari. Barra minn hekk, il-limitazzjoni b'terminu strett tat-tul tal-eżami mill-qrati nazzjonali ma tistax twaqqaf ir-rinviju preliminari dwar il-validità tad-direttiva inkwistjoni.

57 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 267 TFUE jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistabbilixxi proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet nazzjonali, sakemm in-natura prijoritarja ta' din il-proċedura jkollha l-konsegwenza li ċċaħħad, kemm qabel it-trażmissjoni ta' kwistjoni ta' kostituzzjonalità lill-qorti nazzjonali responsabbli milli teżerċita l-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet, kif ukoll, jekk ikun il-każ, wara d-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar l-imsemmija kwistjoni, lill-qrati nazzjonali l-oħra kollha milli jeżerċitaw il-possibbiltà tagħhom jew li jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra,

l-Artikolu 267 TFUE ma jipprekludiex tali leġiżlazzjoni nazzjonali, sakemm il-qrati nazzjonali l-oħra jibqgħu ħielsa:

— li, fi kwalunkwe mument tal-proċedura li huma jqisu xieraq u anki fi tmiem il-proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità, jagħmlu kwalunkwe domanda preliminari li jqisu neċessarja lill-Qorti tal-Ġustizzja;

— li jadottaw kwalunkwe miżura neċessarja sabiex jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja tad-drittijiet mogħtija mis-sistema legali tal-Unjoni, u

— li ma japplikawx, fi tmiem tali proċedura inċidentali, id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali inkwistjoni jekk iqisuha kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.

Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi interpretata skont dawn l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni.

*Fuq it-tieni domanda*

58 Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 67 TFUE jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti li l-awtoritajiet tal-pulizija jikkontrollaw, f'żona ta' 20 kilometru

mill-fruntiera terrestri ta' Stat Membru mal-Istati partijiet għall-KIFS, l-identità ta' kwalunkwe persuna, sabiex jivverifikaw jekk din tosservax l-obbligi taż-żamma, tal-pussess u tal-preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi.

Osservazzjonijiet sottomessi lill-Qorti tal-Ġustizzja

59 A. Melki u S. Abdeli huma tal-fehma li l-Artikoli 67 TFUE u 77 TFUE jipprovdu għal nuqqas pur u sempliċi ta' kontrolli fil-fruntieri interni u li t-Trattat ta' Lisbona, għalhekk, jikkonferixxi natura assoluta lill-moviment liberu tal-persuni, tkun xi tkun iċ-ċittadinanza tal-persuni kkonċernati. Konsegwentement, din il-libertà ta' moviment tipprekludi restrizzjoni bħal dik prevista fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, li tawtorizza l-awtoritajiet nazzjonali sabiex jagħmlu kontrolli ta' identità sistematiċi fiż-żoni tal-fruntiera. Barra minn hekk, huma jitolbu li tiġi kkonstatata l-invalidità tal-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 562/2006, minħabba li huwa stess ma josservax in-natura assoluta tal-libertà li persuna tmur u tiġi hekk kif stabbilita fl-Artikoli 67 TFUE u 77 TFUE.

60 Il-Gvern Franċiż isostni li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma ġġustifikati min-neċessità tal-ġlieda kontra tip ta' delinkwenza speċifika fiż-żoni ta' passaġġ u ħdejn il-fruntieri li huma karatterizzati minn riskji partikolari. Il-kontrolli ta' identità li jsiru abbażi tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali jirrispettaw kompletament l-Artikolu 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006. Huma għandhom l-għan li jivverfikaw l-identità ta' persuna, jew sabiex ma jsirux reati jew sabiex ma jinqalax inkwiet għall-ordni pubbliku, jew inkella għal skopijiet ta' riċerka ta' persuni li jkunu kkommettew reat. Dawn il-kontrolli huma bbażati wkoll fuq informazzjoni ġenerali u fuq l-esperjenza tas-servizzi tal-pulizija li wrew l-utilità partikolari tal-kontrolli ta' dawn iż-żoni. Dawn isiru abbażi ta' informazzjoni mill-pulizija li tiġi minn investigazzjonijiet preċedenti tal-pulizija ġudizzjarja jew minn informazzjoni miksuba fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija tad-diversi Stati Membri, li jindikaw il-positjiet u l-mumenti tal-kontroll. L-imsemmija kontrolli la huma fissi, la permanenti u lanqas sistematiċi. Min-naħa l-oħra, dawn isiru b'mod saltwarju.

61 Il-Gvern Ġermaniż, Elleniku, Olandiż u dak Slovakk jipproponu wkoll li r-risposta għat-tieni domanda tkun fin-negattiv, billi jenfasizzaw li, anki wara d-dħul fis-seħħ tat-trattat ta' Lisobna, xorta jibqa' possibbli li jsiru kontrolli tal-pulizija mhux sistematiċi fiż-żoni ta' fruntiera fl-osservanza tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 562/2006. Dawn il-Gvernijiet isostnu b'mod partikolari li l-kontrolli ta' identità f'dawn iż-żoni, previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, huma differenti minħabba l-għan finali, l-kontenut tagħhom, il-mod kif isiru u kif ukoll minħabba l-konsegwenzi tal-kontroll fil-fruntieri fis-sens tal-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 562/2006. L-imsemmija kontrolli jistgħu jiġu awtorizzati skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(a) jew (ċ) ta' dan ir-regolament.

62 Min-naħa l-oħra, il-Gvern Ċek kif ukoll il-Kummissjoni jikkunsidraw li l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament Nru 562/2006 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Il-kontrolli previsti minnha jikkostitwixxu kontrolli moħbija fil-fruntieri li ma jistgħux jiġu awtorizzati skont l-Artikolu 21 tar-Regolament Nru 562/2006, peress li huma permessi biss fiż-żoni tal-fruntiera u huma suġġetti biss għall-kundizzjoni tal-preżenza tal-persuna kkontrollata f'waħda minn dawn iż-żoni.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

63 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li l-qorti tar-rinviju ma għamlitx domanda preliminari dwar il-validità ta' dispożizzjoni tar-Regolament Nru 562/2006. Peress li l-Artikolu 267 KE ma jikkostitwixxix rimedju miftuħ għall-partijiet fil-kawża pendenti quddiem il-qorti nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tiġi obbligata tevalwa l-validità tad-dritt tal-Unjoni għas-sempliċi raġuni li din il-kwistjoni kienet tqajmet quddiemha minn waħda mill-partijiet (sentenza tat-30 ta' Novembru 2006, Brünsteiner u Autohaus Hilgert, C-376/05 u C-377/05, Ġabra p. I-11383, punt 28).

64 F'dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 67 TFUE mitluba mill-qorti tar-rinviju, li fil-paragrafu 2 tiegħu jipprovdi li l-Unjoni tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fil-fruntieri interni, għandu jiġi osservat li dan l-artikolu li jinsab fil-Kapitolu 1, bit-titolu "Dispożizzjonijiet ġenerali" tat-Titolu V tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u li jirriżulta mit-termini stess ta' dan l-artikolu huwa li hija l-Unjoni li hija destinatarja tal-obbligu stabbilit mit-Trattat. Fl-imsemmi Kapitolu 1 hemm ukoll l-Artikolu 72 li jirriproduċi r-riżerva tal-Artikolu 64(1) KE dwar l-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet li għandhom l-Istati Membri sabiex iżommu l-ordni pubbliku u s-salvagwardja tas-sigurtà interna.

65 Il-Kapitolu 2 tal-imsemmi Artikolu V jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi fuq il-politika dwar il-kontrolli fil-fruntieri, u b'mod partikolari l-Artikolu 77 TFUE, li ssostitwixxa l-Artikolu 62 KE. Skont l-Artikolu 77(2)(e), il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa dwar in-nuqqas ta' kontroll fuq persuni meta jaqsmu l-fruntieri interni. Minn dan isegwi li hemm lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni d-dispożizzjonijiet adottati fuq din il-bażi, u b'mod partikolari l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament Nru 562/2006, sabiex jiġi evalwat jekk id-dritt tal-Unjoni jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali.

66 Il-leġiżlatur Komunitarju implementa l-prinċipju ta' nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni billi adotta, skont l-Artikolu 62 KE, ir-Regolament Nru 562/2006 intiż, skont il-premessa 22 tiegħu, sabiex jiżviluppa l-acquis ta' Schengen. Dan ir-regolament, fit-Titolu III tiegħu, jistabbilitxxi sistema Komunitarja dwar il-qsim tal-fruntieri interni, li mit-13 ta' Ottubru 2006 issostitwixxa l-Artikolu 2 tal-KIFS. L-applikabbiltà ta' dan ir-regolament ma ġietx affettwata bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Fil-fatt, il-Protokoll Nru 19 anness miegħu jipprovdi espressament li l-acquis ta' Schengen għandu jibqa' applikabbli.

67 L-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 562/2006 jipprovdi li l-fruntieri interni jistgħu jinqasmu f'kull post mingħajr ma jsiru kontrolli fil-fruntieri fuq il-persuni, tkun xi tkun in-nazzjonalità tagħhom. Skont l-Artikolu 2(10) tal-imsemmi regolament, "verifiki fuq il-fruntiera" tfisser il-verifiki mwettqa f'punti tal-qsim tal-fruntiera, sabiex ikun żgurat li persuni jitħallew jidħlu fit-territorju tal-Istati Membri jew jitilqu minnu.

68 Fir-rigward tal-kontrolli previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, għandu jiġi kkonstatat li dawn ma jsirux "fil-fruntiera", iżda ġewwa t-territorju nazzjonali u li huma indipendenti mill-qsim tal-fruntiera mill-persuna kkontrollata. B'mod partikolari, ma jsirux fil-mument li tinqasam il-fruntiera. Għalhekk, l-imsemmija verifiki ma humiex kontrolli fil-fruntieri pprojbiti mill-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 562/2006, iżda verifiki ġewwa t-territorju ta' Stat Membru, imsemmija fl-Artikolu 21 tal-imsemmi regolament.

69 L-Artikolu 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006 jipprovdi li t-tneħħija tal-kontroll fil-fruntieri interni ma tippreġudikax l-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru skont id-dritt nazzjonali, sa fejn l-eżerċizzju ta' dawn il-kompetenzi ma għandux effett ekwivalenti għal dak tal-verifiki fil-fruntieri, u li dan japplika wkoll għaż-żoni tal-fruntiera. Minn dan isegwi li l-kontrolli ġewwa t-territorju ta' Stat Membru ma humiex, skont dan l-Artikolu 21(a) ipprojbiti peress li għandhom effett ekwivalenti għal verifiki fil-fruntieri.

70 L-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-pulizija ma jistax, b'mod partikolari, skont it-tieni sentenza ta' din id-dispożizzjoni, jiġi kkunsidrat bħala ekwivalenti għall-eżerċizzju tal-verifiki fil-fruntieri meta l-miżuri tal-pulizija ma jkollhomx l-għan tal-kontroll tal-fruntiera, huma bbażati fuq informazzjoni ġenerali u l-esperjenza tas-servizzi tal-pulizija dwar theddid eventwali għas-sigurtà pubblika u huma intiżi, b'mod partikolari, sabiex jiġġieldu kontra l-kriminalità transkonfinali, huma fformulati u

implementati b'mod kjarament distint mill-verifiki sistematiċi tal-persuni li jsiru fil-fruntieri esterni u, fl-aħħar nett, isiru abbażi ta' verifiki li jsiru b'mod saltwarju.

71 F'dak li jikkonċerna l-kwistjoni dwar jekk l-eżerċizzju tal-kompetenzi ta' kontroll mogħtija mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali għandux effett ekwivalenti għal dak tal-verifikii fil-fruntieri, għandu jiġi kkonstatat, fl-ewwel lok, li l-għan tal-kontrolli previsti minn din id-dispożizzjoni ma huwiex l-istess bħal dak tal-kontroll fil-fruntieri fis-sens tar-Regolament Nru 562/2006. Skont il-punti 9 sa 11 tal-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament dan il-kontroll għandu l-għan, minn naħa, li jiżgura li l-persuni jistgħu jiġu awtorizzati jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru jew li joħorġu minnu u, min-naħa l-oħra, li ma jħallix lill-individwi jaħarbu mill-kontrolli fil-fruntieri. Min-naħa l-oħra, l-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali hija intiża għall-verifika tal-osservanza tal-obbligi ta' żamma, ta' pussess u ta' preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi. Il-possibbiltà għal Stat Membru li jipprovdi tali obbligi fid-dritt nazzjonali tiegħu, ma hijiex, skont l-Artikolu 21(ċ) tar-Regolament Nru 562/2006, affettwata mit-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni.

72 Fit-tieni lok, il-fatt li l-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-kompetenza mogħtija mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa limitat għal żona ta' fruntiera ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi kkonstatat l-effett ekwivalenti tal-eżerċizzju ta' din il-kompetenza fis-sens tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006, fid-dawl tat-termini u tal-għan tal-Artikolu 21. Madankollu, fir-rigward tal-kontrolli fuq ferrovija b'rotta internazzjonali u fuq awtostrada bil-pedaġġ, id-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tipprovdi regoli partikolari dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tagħha, element li jista', min-naħa tiegħu, jikkostitwixxi indiċi għall-eżistenza ta' tali effett ekwivalenti.

73 Barra minn hekk, ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 78-2 tal-Kodiċi tal-proċedura kriminali, li jawtorizza kontrolli indipendentement mill-aġir tal-persuna kkonċernata u miċ-ċirkustanzi partikolari li jistabbilixxu riskju ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku, la jinkludi preċiżazzjonijiet u lanqas limiti għall-kompetenza hekk mogħtija, b'mod

partikolari dwar l-intensità u l-frekwenza tal-kontrolli li jistgħu jsiru fuq din il-bażi legali, li għandha l-għan li tevita li l-applikazzjoni prattika ta' din il-kompetenza mill-awtoritajiet kompetenti twassal għal kontrolli li għandhom effett ekwivalenti għal dak tal-verifiki fil-fruntieri fis-sens tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006.

74 Għall-finijiet tal-Artikoli 20 u 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006, interpretati fid-dawl tar-rekwiżit ta' sigurtà ġuridika, leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti kompetenza lill-awtoritajiet tal-pulizija sabiex jagħmlu kontrolli ta' identità, kompetenza li hija, minn naħa, limitata għaż-żona tal-fruntiera tal-Istat Membru ma' Stati Membri oħra u, min-naħa l-oħra, indipendenti mill-aġir tal-persuna kkontrollata u miċ-ċirkustanzi partikolari li joħolqu riskju ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku, għandha tipprevedi l-limiti neċessarji tal-kompetenza mogħtija lil dawn l-awtoritajiet sabiex, b'mod partikolari, tidderieġi s-setgħa diskrezzjonali li għandhom dawn tal-aħħar fl-applikazzjoni fil-prattika tal-imsemmija kompetenza. Dan il-limitu għandu jiggarantixxi li l-eżerċizzju fil-prattika tal-imsemmija kompetenza li tikkonsisti fil-kontrolli ta' identità ma jkollux effett ekwivalenti għal dak tal-kontrolli fil-fruntieri, hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, miċ-ċirkustanzi li jinsabu fit-tieni fażi tal-Artikolu 21(a) tar-Regolament Nru 562/2006.

75 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għat-tieni domanda preliminari li saret għandha tkun li l-Artikolu 67(2) TFUE, kif ukoll l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament Nru 562/2006 jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istat Membru kkonċernat il-kompetenza li jikkontrollaw, f'żona ta' 20 kilometru biss li tibda mill-fruntiera terrestri ta' dan l-Istat mal-Istati partijiet fil-KIFS, l-identità ta' kwalunkwe persuna, indipendentement mill-aġir tagħha u miċ-ċirkustanzi partikolari li joħolqu riskju ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku, sabiex issir verifika tal-osservanza tal-obbligi taż-żamma, ta' pussess u ta' preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi, mingħajr ma jiġi previst il-limitu neċessarju ta' din il-kompetenza li tiggarantixxi li l-eżerċizzju fil-prattika tal-imsemmija kompetenza ma jkollux effett ekwivalenti għal dak tal-verifiki fil-fruntieri.

**Fuq l-ispejjeż**

76 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) L-Artikolu 267 TFUE jippreklud leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tistabbilixxi proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet nazzjonali, sakemm in-natura prijoritarja ta' din il-proċedura jkollha l-konsegwenza li ċċaħħad, kemm qabel it-trażmissjoni ta' kwistjoni ta' kostituzzjonalità lill-qorti nazzjonali responsabbli milli teżerċita l-istħarriġ tal-kostituzzjonalità tal-liġijiet, kif ukoll, jekk ikun il-każ, wara d-deċiżjoni ta' din il-qorti dwar l-imsemmija kwistjoni, lill-qrati nazzjonali kollha milli jeżerċitaw il-possibbiltà tagħhom jew li jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jagħmlu domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 267 TFUE ma jipprekludix tali leġiżlazzjoni nazzjonali, sakemm il-qrati nazzjonali l-oħra jibqgħu ħielsa:**

**— li, fi kwalunkwe mument tal-proċedura li huma jqisu xieraq u anki fi tmiem il-proċedura inċidentali ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità, jagħmlu kwalunkwe domanda preliminari li jqisu neċessarja lill-Qorti tal-Ġustizzja;**

**— li jadottaw kwalunkwe miżura neċessarja sabiex jiżguraw il-protezzjoni ġudizzjarja provviżorja tad-drittijiet mogħtija mis-sistema legali tal-Unjoni; u**

— **li ma japplikawx, fi tmiem tali proċedura inċidentali, id-dispożizzjoni leġiżlattiva nazzjonali inkwistjoni jekk iqisuha kuntrarja għad-dritt tal-Unjoni.**

— **Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tiġi interpretata skont dawn l-eżiġenzi tad-dritt tal-Unjoni.**

2) **L-Artikolu 67(2) TFUE, kif ukoll l-Artikoli 20 u 21 tar-Regolament Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tagħti lill-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istat Membru kkonċernat il-kompetenza li jikkontrollaw, f'żona ta' 20 kilometru biss li tibda mill-fruntiera terrestri ta' dan l-Istat mal-Istati partijiet fil-Konvenzjoni li timplementa l-ftehim ta' Schengen, tal-14 ta' Ġunju 1985, bejn il-Gvernijiet tal-Unjoni Ekonomika Benelux, tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u tar-Repubblika Franċiża, dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom, iffirmata f'Schengen (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Ġunju 1990, l-identità ta' kwalunkwe persuna, indipendentement mill-aġir tagħha u miċ-ċirkustanzi partikolari li joħolqu riskju ta' preġudizzju għall-ordni pubbliku, sabiex issir verifika tal-osservanza tal-obbligi taż-żamma, ta' pussess u ta' preżentazzjoni tat-titoli u tad-dokumenti previsti mil-liġi, mingħajr ma jiġi previst il-limitu neċessarju ta' din il-kompetenza li tiggarantixxi li l-eżerċizzju fil-prattika tal-imsemmija kompetenza ma jkollux effett ekwivalenti għal dak tal-verifiki fil-fruntieri.**

Firem